MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013

Rikors Kongunt Numru. 344/2013

**AB u CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja (8) ta' April tas-sena elf disgha mija disa' u tmenin (1989) (kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn annessa u mmarkata bhala "Dok A";

Illi l-partijiet ghandhom tlett ulied maggorenni; X mwielda fis-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u disghin (1990); Deborah Borg imwielda fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija wiehed u disghin (1991); u Y imwieled fid-disa' u ghoxrin (29) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija erba' u disghin (1994) hekk kif jirrizulta mill-atti tat-twelid relattivi (kopji hawn annessi u mmarkati bhala "Dok B", "Dok C" u "Dok D" rispettivament);

Illi l-partijiet isseparaw legalment fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) skond kuntratt redatt minn Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech, vera kopja ta' liema kuntratt qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok E" izda ilhom separati *de facto* mill-bidu tas-sena elfejn u disgha (2009) u dan hekk gie ukoll iddikjarat fl-istess kuntratt ("Dok E") klawzola 12;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom 'il fuq minn erba' snin separati, illum huma t-tnejn ghandhom hajja kompletament separata minn xulxin;

Illi skond l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali ("Dok E") u specifikatament, skond il-klawsola numru erbgha (4) m'ghandu jithallas ebda manteniment lejn xulxin stante illi il-partijiet iddekadew minn kull dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi skond l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali ("Dok E"), u specifikatament, skond il-klawsola numru 5, il-partijiet qablu fuq il-manteniment li ghandu jithallas minn Simon Borg fir-rigward tat-tifel taghhom David Borg;

Illi dan il-manteniment kien miftiehem bejn il-partijiet minn qabel il-publikazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni u huwa adegwat u dejjem gie mhallas b'mod regolari minn Simon Borg;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg, u cioe d-divorzju, bejnietom;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghalhekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg, u cioe' bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xhieda taz-zewg rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ Lulju, 2013;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-22 ta’ Mejju 2013, izda ilhom de facto separati mill-bidu tas-sena 2009;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------